

Paġna Ewlenija > ... > Leġiżlazzjoni U Każistika > Il-pubblikazzjoni Ta' Avviżi Uffiċjali > Netherlands

## Il-pubblikazzjoni ta' avviżi uffiċjali

Olanda

Il-kontenut ipprovdut  
minn  
Olanda



### Fuq liema sit(i) web jiġu ppubblikati l-avviżi uffiċjali?

L-avviżi uffiċjali jiġu ppubblikati fuq [officielebekendmakingen.nl](http://officielebekendmakingen.nl).

### Liema avviżi huma ppubblikati?

L-avviżi kollha li jidhru fis-seba' ġurnali uffiċjali tan-Netherlands jiġu ppubblikati fis-siti ta' hawn fuq. Leġiżlazzjoni ġdida jew li temenda tiġi ppubblikata fl-*Staatsblad* (il-Bulletin tal-Atti u d-Digrieti). L-*Staatscourant* (il-Gazzetta tal-Gvern) tintuża biex tippubblika r-regolamenti, kif ukoll avviżi minn organizzazzjonijiet governattivi jekk l-inklużjoni tagħhom f'din il-pubblikazzjoni tkun rikjesta mil-liġi. Trattati u ftehimiet internazzjonali oħrajn li n-Netherlands hija parti fihom jiġu ppubblikati fit-*Tractatenblad* (Is-Serje tat-Trattati), filwaqt li l-*Provinciaal blad* (il-Gazzetta Provinċjali), il-*Gemeentebld* (il-Gazzetta Muniċipali) u l-*Waterschapsblad* (il-Gazzetta tal-Awtorità tal-Ilma) jintużaw għall-pubblikazzjoni ta' regolamenti u avviżi tal-awtoritajiet provinċjali, muniċipali u tal-ilma rispettivament. Il-*Blad gemeenschappelijke regelingen* (il-Gazzetta Konġunta tal-Arranġamenti tal-Awtoritajiet Lokali) tintuża biex jiġu ppubblikati r-regolamenti u l-avviżi tas-sħubijiet bejn awtoritajiet pubbliċi differenti.

### Minn liema organizzazzjoni(jiet) jiġu ppubblikati l-avviżi uffiċjali?

L-organizzazzjonijiet kollha li huma meħtieġa mil-liġi li jipubblikaw l-avviżi tagħhom.

### L-aċċess għall-avviżi uffiċjali hu bla ħlas?

Iva, l-aċċess għall-avviżi uffiċjali hu bla ħlas.

### X'tipi ta' tiftixiet jistgħu jsiru?

Tista' ssib l-avviżi tal-ġurnata fl-indirizz [officielebekendmakingen.nl](http://officielebekendmakingen.nl). Jistgħu jsiru wkoll tiftixiet individwali għall-avviżi kollha.

F'[zoek.officielebekendmakingen.nl](http://zoek.officielebekendmakingen.nl) tista' tagħmel tiftixa fid-dettall għall-kliem fit-titlu jew fit-test u tiffiltra t-tiftixa tiegħek skont id-data tal-pubblikazzjoni, isem il-pubblikazzjoni, l-organizzazzjoni tal-pubblikazzjoni u s-suġġett (li għalih hemm lista prestabbilita ta' opzjonijiet).

### Minn liema data se jkunu disponibbli l-avviżi uffiċjali fil-format elettroniku?

1995.

It-tiftixiet jistgħu jiġu ssejvjati u jistgħu jintbagħtu notifiki meta jintlaħqu l-

## kriterji?

Kulħadd jista' jirreġistra għal servizz ta' notifikazzjoni bla ħlas. Jeżistu żewġ tipi ta' servizzi:

- Is-servizz ta' notifikazzjoni standard li jippermetti lill-utenti jissejvjaw talba għal tiftixa. Imbagħad jintbagħtu ittra elettronika b'ħolqa għal kull dokument ġdid li jissodisfa l-kriterji tat-tiftixa.
- Hemm ukoll servizz imsejjaħ "*Berichten over uw buurt*" ("Avviżi dwar il-viċinat tiegħek"), li jippermetti liċ-ċittadini jirċievu ittra elettronika kuljum b'ħarsa ġenerali lejn l-avviżi kollha ppubblikati mill-awtoritajiet reġjonali u lokali li jkunu rilevanti għall-viċinat tagħhom. Huma jistgħu jiddefinixxu l-"viċinat tagħhom" billi jdaħħlu l-kodiċi postali tagħhom u radjus (f'mijiet ta' metri).

## L-avviżi uffiċjali huma disponibbli bla ħlas bħala *data* miftuħa? Jekk dan hu l-każ, fejn jistgħu jinstabu r-repożitorju u/jew l-informazzjoni?

L-avviżi uffiċjali huma disponibbli bla ħlas bħala *data* miftuħa permezz tal-interfaċċa SRU (SRU = Search/Retrieve via URL).

Il-gwida (u l-indirizz) għal dan is-servizz web tinsab fuq [koopoverheid.nl](http://koopoverheid.nl) (bl-Olandiż biss).

---

L-aħħar aġġornament: 17/10/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.